II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/1367

tas-6 ta' Awwissu 2021

dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti prodotti fin-Nomenklatura Magħquda

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 57(4) u l-Artikolu 58(2) tiegħu,

Billi:

(1) Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda annessa mar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 ([2]), huwa neċessarju li jiġu adottati miżuri li jikkonċernaw il-klassifikazzjoni tal-oġġetti msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

(2) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stipula r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda. Dawn ir-regoli japplikaw ukoll għal kwalunkwe nomenklatura oħra li hija totalment jew parzjalment ibbażata fuqha jew li żżid xi suddiviżjoni addizzjonali magħha u li hija stabbilita minn dispożizzjonijiet speċifiċi tal-Unjoni, bil-għan li jkun hemm l-applikazzjoni ta' tariffi u miżuri oħra relatati mal-kummerċ tal-oġġetti.

(3) Skont dawk ir-regoli ġenerali, jenħtieġ li l-oġġetti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella ppreżentata fl-Anness jiġu kklassifikati taħt il-kodiċi NM indikat fil-kolonna (2), bis-saħħa tar-raġunijiet stipulati fil-kolonna (3) ta'dik it-tabella.

(4) Huwa xieraq li jiġi previst li l-informazzjoni vinkolanti dwar it-tariffi maħruġa fir-rigward tal-oġġetti kkonċernati minn dan ir-Regolament u li ma tikkonformax ma' dan ir-Regolament tkun tista' tibqa' tiġi invokata mid-detentur, għal ċertu perjodu, f'konformità mal-Artikolu 34(9) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013. Jenħtieġ li dak il-perjodu jkun ta' tliet xhur.

(5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-oġġetti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella kif ippreżentata fl-Anness għandhom ikunu kklassifikati fin-Nomenklatura Magħquda taħt il-kodiċi NM indikat fil-kolonna (2) ta' din it-tabella.

([1]) ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1.

([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni (ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1).

Artikolu 2

L-informazzjoni vinkolanti dwar it-tariffi li ma tkunx konformi ma' dan ir-Regolament tista' tibqa' tiġi invokata f'konformità mal-Artikolu 34(9) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 għal perjodu ta' tliet xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' Awwissu 2021.

Għall-Kummissjoni
Gerassimos THOMAS
Direttur Ġenerali
Id-Direttorat Ġenerali għat-Tassazzjoni u l-Unjoni Doganali

ANNESS

Deskrizzjoni tal-oġġetti	Klassifikazzjoni (Kodiċi - NM)	Raġunijiet
(1)	(2)	(3)
Vettura b'erba' roti b'mutur elettriku DC 24 V 800 W li jaħdem b'żewġ batteriji 12 V rikarikabbli b'kapaċità ta' 45Ah. Għandha wisa' ta' madwar 65 cm, tul ta' 125 cm u għoli ta' 129 cm (imkejjel mas-sit ta' wara, 85 cm bis-sit ta' wara mitwi 'l isfel). Il-piż totali tagħha huwa ta' madwar 107 kg (108 kg inklużi l-batteriji). It-tagħbija massima tagħha hija ta' madwar 130 kg. Il-vettura għandha l-karatteristiċi li ġejjin: — pjattaforma orizzontali li tgħaqqad flimkien is-sezzjoni ta' quddiem ma' dik ta' wara; il-pjattaforma ma tista' tiġi aġġustata bl-ebda mod (eż. mitwija jew inklinata) biex tissodisfa l-ħtiġijiet tal-utent, — żewġ fusien immollati, trażmissjoni tal-fus ta' wara u bażi tar-roti ta' 820 mm, — kapaċità ta' gradjent ta' 13^0, — ċirku tad-dawran 210 cm, — żewġ settijiet ta' tajers li jintefħu (it-tajers ta' wara huma akbar minn dawk ta' quddiem), — sit konfigurabbli, aġġustabbli għall-għoli u li jdur b'irfid u armrests u wiċċ li ma jiżloqx għas-saqajn, — kolonna aġġustabbli tal-istering li tintewa b'manubriji forma ovali, — dwal ta' quddiem u ta' wara, indicators tad-direzzjoni u mirja retroviżuri. Il-kolonna tal-istering għandha wkoll dashboard li fiha kaxxa tas-swiċċijiet, kontroll tal-veloċità, buttuna tal-ħorn, buttuna tal-magna mhux ingranata, swiċċ tal-indicator, swiċċ tad-dawl, indikatur tal-istatus tal-batterija u aġġustatur tal-veloċità. Il-vettura għandha żewġ lievi li jitħaddmu manwalment, biex bihom taċċellera, tieqaf jew timxi b'lura. L-istering jista' jiġi aġġustat biex jippermetti t-tħaddim b'id waħda. Għandha sistema ta' bbrejkjar elettromanjetika riġenerattiva "intelliġenti". Bil-batteriji kompletament iċċarġjati, il-vettura għandha medda massima li tilħaq sa 45 kilometru u tista' tilħaq veloċità massima ta' madwar 15-16 km/h. Tista' tkun mgħammra b'roti żgħar fuq wara biex il-vettura ma tingħelibx faċilment, basket tax-xiri, ħowlder għall-bastun, eċċ.	8703 10 18	Il-klassifikazzjoni hija ddeterminata mir-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, u bil-kliem tal-kodiċi NM 8703, 8703 10 u 8703 10 18. Il-klassifikazzjoni taħt l-intestatura 8713 bħala trasport għal persuni b'diżabbiltà hija eskluża peress li l-vettura mhijiex imfassla apposta għat-trasport għal persuni b'diżabbiltà: Ma għandha l-ebda karatteristika speċjali biex ittaffi diżabbiltà. Għalkemm il-vettura hija ddisinjata b'tali mod li l-istering ikun jista' jiġi kkontrollat b'id waħda u jkun fiha sedil komdu li jdur b'irfid u wiċċ li ma jiżloqx għas-saqajn (u tista' b'mod fakultattiv tkun mgħammra b'roti żgħar biex ma tingħelibx faċilment), tali karatteristiċi ma jikkostitwixxux oġġettivament karatteristiċi speċjali mfassla biex itaffu diżabbiltà (ara wkoll in-Noti ta' Spjegazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda (CNEN) għas-subintestatura 8713 90 00, in-Noti ta' Spjegazzjoni tas-Sistema Armonizzata għall-intestatura 8713 u l-opinjoni tal-klassifikazzjoni HS 8703.10/1). Barra minn hekk, vetturi mgħammra b'kolonna tal-istering aġġustabbli u separata u dawk li jilħqu veloċità massima ta' aktar minn 10 km fis-siegħa huma eskluži mill-intestatura 8713 (ara wkoll CNEN għas-subintestatura 8713 90 00). Il-vettura tintuża għat-trasport ta' persuni u mal-preżentazzjoni lill-awtoritajiet doganali ma tistax tingħaraf bħala vettura intiża biss għall-persuni b'diżabbiltà (ara l-Kawża C-198/15 [1]), abbażi tal-karatteristiċi u l-proprjetajiet oġġettivi tagħha li jridu jiġu vverifikati fil-mument tar-rilaxx doganali (ara l-Kawża C-286/15 [2]). Kwalunkwe modifika wara r-rilaxx tal-vettura hija injorata bħal ma hija kwalunkwe valutazzjoni tal-vettura li tista' titwettaq minn awtorità nazzjonali għal finijiet oħra minbarra dawk stabbiliti fil-leġiżlazzjoni doganali. Il-vettura hija tip ta' vettura speċjali għat-trasport tal-persuni. Għalhekk, il-vettura trid tiġi kklassifikata taħt il-kodiċi NM 8703 10 18 bħala vettura bil-mutur prinċipalment maħsuba għat-trasport ta' persuni, bħall-karozzi tal-golf.

Il-vettura tista' tiġi stivata għal finijiet ta' trasport. Tista' tintuża fit-toroq, bankini, passaġġi għall-mixi, mogħdijiet fil-parks, pasaġġi għaċ-ċiklisti u ċerti passaġġi għall-ħin liberu, jew f'żoni pedonali (eż. żoni għax-xiri). Ara l-istampa (*)		

(*) L-istampa għandha tintuża biss għal raġunijiet ta' informazzjoni.

([1]) Is-sentenza tal-Qorti tas-26 ta' Mejju 2016, Invamed Group Ltd and Others v Commissioners for Her Majesty's Revenue & Customs, C-198/15, ECLI:EU:C:2016:362.

([2]) Is-sentenza tal-Qorti tas-26 ta' Mejju 2016, Latvijas propāna gaze, C-286/15, ECLI:EU:C:2016:363, il-paragrafu 33.

